MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 178/2012

**AB**

**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ir-rikors kongunt ta’ AB u CD;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ Marzu, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fl-10 ta’ Lulju 1998;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet illi permezz taghha ipprezentaw l-affidavits rispettivi taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-11 ta' Novembru 2005;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-Qorti rat illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju peress illi l-partijiet kienu irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------